MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 111/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenuta ikkuntattaw zwieg fl-ghoxrin ta' Dicembru, 2008 (vide certifikat taz-zwieg anness u mAat Dok A);
2. Illi mill-imsemmi zwieg ma twieldux tfal u l-istess partijiet ikkuntrattaw separazzjoni personali minn xulxin (vide kopja tal-kuntratt anness u mAat Dok. B);
3. Illi l-kunsens tal-partijiet fl-imsemmi zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;
5. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla ebda effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXV11 tal-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrent u l-konvenuta null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u / jew 19 (1) (f) tal-Att XXXV11 tal-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hi ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

(1) Illi l-esponent taqbel li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti;
(2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata C D li gie kkuntrattat fl-20 ta’

Dicembru 2008[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jibda billi jghid li huwa ltaqa' mal-intimata fl-ahhar ta' Gunju 2006 fuq il-post tax-xoghol u madwar xahrejn wara bdew johorgu flimkien. Ghalih din kienet l-ewwel relazzjoni filwaqt li l-intimata kienet ghadha kif thassar minn relazzjoni serja. L-attur jghid li wara ftit tal-gimghat li bdew johorgu flimkien, bdiet issemmi z-zwieg. Peress li kellu xi problem mal-genituri tieghu, f'Gunju 2007 telaq mid-dar taghhom u mar jghix ghand il-genituri tal-intimata. Xahrejn wara, l-attur propona zwieg ghaliex minhabba c-cirkustanzi kif kienu (u cioe' li kien qieghed jghix ghand il-genituri taghha) kif ukoll ghaliex kien jaf li l-intimata riedet tizzewweg. Jghid li lill-intimata kien ihobbha izda l-bazi tad-decizjoni tieghu kienet il-pratticita'. Fil-fatt jammetti hu stess li din ma kienitx decizjoni matura izda decizjoni msejsa fuq htigijiet ta' natura prattika. L-attur jispjega li ma tantx ippartecipa fl-organizazzjoni tat-tieg u dan kien sors ta' glied. Fil-fatt jiddikjara li dak inhar tat-tieg stess (wara nofs inhar u cioe' ftit tas-sieghat qabel ic-cerimonja) kienu qieghdin jiggieldu. L-attur jghid ukoll li hu u l-intimata damu jghixu flimkien biss ghal madwar sitt jew seba' xhur ghaliex kien evidenti mill-ewwel li ma kienux ghal xulxin u ghaliex il-karattri taghhom ma kienux kompatibbli. L-attur jghid ukoll li kien evidenti anke qabel iz-zwieg li l-partijiet ma kienux kompatibbli izda hu kompla bil-pjanijiet peress li kien iggieled minn mal-genituri tieghu u lanqas ma ried jammetti li kien zbaljat fid-decizjoni tieghu. Min-naha taghha l-intimata kienet tghidlu li kienet ser tizzewgu ghaliex kienet tithassru.

**Il-Verzjoni tal-intimata**

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

L-intimata tikkonferma li ltaqghet mal-attur fuq il-post tax-xoghol. Hi tghid li harget tiehu kafe' mal-attur izda mill-ewwel spjegatlu li ma kellha ebda intenzjoni li tidhol f'relazzjoni ghaliex kienet ghadha kif harget minn relazzjoni serja ohra. Kien proprju ghalhekk li qalet lill-attur sabiex ma jorbotx qalbu maghha. L-intimata tghid pero' li kif gew l-affarijiet xorta kienu jispiccaw jiltaqghu ta' spiss peress li kellhom hbieb komuni ghalkemm tghid li rari kienu johorgu wahedhom. Tghid li ddecidew li jibdew johorgu flimkien bhala koppja wara li l-attur mar ghal btala mal-ġenituri tieghu fl-Amerika ghal tlett gimghat. L-intimata tiddiskrivi lil omm l-attur bhala omm possessiva fuq binha tant li ma kienitx thallih idum barra aktar mill-10.00pm. L-attur min-naha tieghu kien ragel imfissed immens tant li ommu kienet tihodlu hsieb il-kontijiet tal-bank u anke l-affarijiet tal-karozza. Proprju minhabba l-pussess ta' ommu, l-partijiet ma kienux jiltaqghu b'mod daqshekk regolari. Tikkonferma li l-attur kellu xi jghid ma' ommu u tghid li r-raguni ghal din il-glieda kienet fil-fatt hi ghaliex l-omm ma ridithiex fil-hajja ta' binha. Kien proprju ghalhekk li omm l-attur cekkietu mid-dar ta' fuqu senduqu u ghall-ewwel sab rifugju ghand certu Nathalie Gilford izda sussegwentement mar jghix ghand il-genituri tal-intimata. L-intimata tghid ukoll li omm l-attur kellha problemi mentali tant li kienet anke rikoverata fl-isptar Monte Carmeli. L-intimata tirrakkonta kif sa' dan iz-zmien l-attur kien diga' staqsiha biex tizzewwgu xi tliet darbiet (fejn kienet irrifjutat) izda mbaghad, Nathalie Gilford qaltilha li kien wasal iz-zmien sabiex tiddeciedi ghaliex wara kollox l-attur kien hareg mid-dar t'ommu habba fiha (b'referenza ghall-istess intimata). Wara dan il-kliem, l-intimata tghid li hassitha li kienet giet dahra mal-hajt u ghalhekk, meta l-attur rega' staqsiha biex tizzewwgu, accettat ghaliex hasset li ma kellhiex triq ohra. Hi tghid ukoll li l-genituri tan-naha taghha ma hadux pjacir b'din id-decizjoni. L-intimata tistqarr li ma riditx tizzewweg lill-attur imma kellha taghmel dan il-pass ghaliex hu kien jghidilha li kien telaq mid-dar minhabba fiha u li issa ma kien ghad fadallu lil hadd.

Tkompli tghid li l-fatt li ommu keccietu 'l barra mid-dar b'daqqa ta' mqass, l-attur qatt ma nizzilha tant li kien

johrog il-frustrazzjoni tieghu fuqha billi jiggieled maggha ghal xejn b'xejn. Hi tghid ukoll li l-attur ghandu karattru vjolenti tant li f'Novembru 2008 hebb ghaliha u b'ritaljazzjoni tatu daqqa ta' takkuna u hallietlu farrett fuq mohhu li ghadha Aa sal-lum.

Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, l-intimata tghid li hu ippartecipa bil-qawwa fl-organizazzjoni tat-tieg ghaliex ma riedx li jkun hemm ommha. Kien biss meta l-intimata marret tara s-sala u meta marret tixtri l-libsa tat-tieg taghha li ma kienitx akkompanjata mill-attur. Hi tghid ukoll li ghal dan it-tieg hallsu kollox il-genituri taghha imma tant kien ovvju li dan kien zball li l-partijiet ghazlu li jaghmlu s-separazzjoni tal-assi qabel ma zzewgu.

L-intimata tirrakkonta u tikkonferma li dak inhar tat-tieg hi u l-attur kellhom glieda. Tghid ukoll li min-naha tieghu l-attur qallha li kienet ser titla wahedha fuq l-altar filwaqt li min-naha taghha baqghet tghid lill-*bridesmaid* u lill-*make-up artist* li ma riditx tizzewweg. Kienu dawn l-istess *bridesmaid* u l-*make-up artist* li qaghdu jikkalmawha u jfakkruha li l-genituri taghha kienu preparaw u lestew kollox. Dak inhar tat-tieg l-intimata qalet ukoll lill-*maid of honour* taghha li ma riditx tfal mill-attur qabel ma jissetilja (ghalkemm tghid li kienet taf li dan qatt ma kien ser jigri).

L-intimata tikkonferma wkoll li z-zwieg taghhom dam biss tmien xhur u f'dan il-perjodu l-komunikazzjoni ta' bejniethom kienet kwazi inezistenti izda l-attur kien dejjem jishaq li kien izzewwigha ghaliex ommu keccietu 'l barra u li ghalhekk ma kellux fejn imur. Barra minn hekk, l-intimata tghid ukoll li wara z-zwieg il-karattru vjolenti u aggressiv tieghu baqa' jimmanifesta ruhu tant li mhux l-ewwel darba li sabbatha mal-hajt izda lill-genituri taghha li kienu joqghodu vicin qatt ma qaltilhom xejn. Dan kollu baqa' ghaddej sakemm finalment l-attur refa' jdejh fuqha u sar jaf missierha u keccieh 'il barra. Imbaghad, marru l-genituri tieghu, ppakkjawlu l-affarijiet u haduh lura d-dar maghhom. Wara dan l-episodju, l-attur rega' rritorna lura fid-dar matrimonjali wara hafna wieghdi li kien ser jinbidel izda dan baqa' ma sarx. Anzi beda jghid li kien ser imur jaqbez. Fil-fatt l-intimata tghid li hu ghamel attentat meta

prova jaqbez bil-karozza minn Wied iz-Zurrieq. Kien proprju wara dan l-episodju li l-intimata haditu ghand il-psikjatra Dr. David Cassar li ordnalu xi pilloli.

Kien wara l-attur prova joqtolha bil-karozza (u cioe' f'Settembru 2009) li l-attur ippakkja hwejgu u telaq mid-dar darba ghal dejjem.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[3] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex tasal ghal decizjoni valida, u dan anke in vista tad-dikjarazzjoni taghha stess meta ftit tas-sieghat qabel ic-cerimonja taz-zwieg iddikjarat li ma riditx tizzewweg. L-istess jista' jinghad ghall-attur meta qalilha li kienet ser titla' wahedha fuq l-artal. Il-qorti ma tistax ma tirriAax li jidher li l-attrici hadet id-decizjoni li tizzewweg abbazi tal-fatt li l-attur ma kellux fejn imur joqghod u kwazi kwazi thassritu filwaqt li min-naha tal-attur jidher car ukoll li ried jizzewweg ghaliex il-genituri tieghu keccewh mid-dar. Mill-provi migjuba quddiem il-Qorti u dan anke miz-zmien tal-gherusija u z-zmien qasir ta' konvivenza bhala mizzewgin li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet zbaljati. Xejn ma rrealizzaw li biz-zwieg ma kienu qed isolvu l-ebda problema li huma kellhom. Ghalhekk, il-qorti tirrileva li jidher car li min-naha taghhom il-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghal dan iz-zwieg u jidher ukoll li ma kienux certi dwar dan il-pass tant li ftit tas-sieghat qabel ic-cerimonja t-tnejn li huma ma riedux jizzewgu izda b'xi mod

[3] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

ikkonvincew ruhhom (anke bl-ghajnuna ta’ terzi) biex xorta jibqghu ghaddejjin biz-zwieg. Dan jidher ukoll mill-fatt li l-intimata rrifjutat li tizzewweg tliet darbiet qabel ma accettat u dan ghamlitu biss wara li giet imcanfra minn Nathalie Gilford kif diga’ gie accennat aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

**Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Il-qorti tirrileva, illi minkejja li l-partijiet jidhru li dahlu ghal dan iz-zwieg ghax hassew li ma kellhomx triq ohra, mill-provi (u cioe’ mill-verzjoni taz-zewg partijiet) ma jirrizultax li fil-mument tal-kunsens il-partijiet eskludew iz-zwieg jew

[4] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

xi wiehed mill-elementi taz-zwieg. Huwa minnu li l-intimata tghid li ma riditx li jkollha t-tfal mill-attur sakemm jissetilja izda b'din id-dikjarazzjoni xorta wahda ma twassalx lill-qorti ghall-konkluzjoni li l-intimata eskludiet il-prolazzjoni tat-tfal b'mod komplet u assolut. Tant hu hekk li l-istess intimata (kif wara kollox jaghmel l-attur) ma jghidu xejn fuq tali element. Fic-cirkustanzi, il-qorti m'hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-partijiet ghamlu simulazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------